# It-Toponomastika ta' Għajnsielem

**Christian Bonello**



Ir -raħal sabiħ ta' Għajnsielem jinsab fin-nofsinhar ta' Għawdex, ftit passi bogħod mill-port prinċipali ta' Għawdex, l- Imġarr. Dan ir-raħal ħa ismu minn waħda min-nixxiegħat tal-ilma ġieri li kien hemm f' dawk l-inħawi. Waħda minn dawn in-nixxiegħat kien jisma



Għajn is-sliem, li kienet tinsab f' wesa' magħrufa, li llum in-nies jafuha bħalha l-pjazza tad-dehra, li tinsab sewwasew f' nofs ir-raħal.

Fl -1710, il-Gran Mastru Ramon Perellos Rocafull irranġa din l-għajn ( għajn is-sliem ) u żejjinha bi tliet loġoġ. Dawn il-loġoġ jixbħu lil dawk li jidhru fl-arma tar-raħal tal-Fontana.

Fir- raħal ta' Għajnsielem kien hemm bosta egħjun oħra ta' siwi li dawn kienu : Għajn-Għonoq li kienet fiż-Zewwieqa , Għajn ir-Rajjes u Għajn il-Libru li kienu fil-Wied il-Kbir li jiġi taħt it-triq tax-Xatt l-Aħmar.

L-isem ta' dan ir-raħal seta' ġie imnissel mis-sens figurattiv ta' għajn. Dan peress li Għajnsielem hu għajn, jew il-bidu ta' gżiritna mill-Imgarr, li jinstab f' tarf dan ir-raħal u għal daqstant hu l-ftuħ tal-gżira Għawdxija.

L-arma ta' Għajnsielem tikkonsisti f' nixxiegħa ilma ċċarċar. Fin-nofs hemm irdum lewn kannella fuq sfond kaħlani fuq kewkba dehbija fuq strixxa blu skur.

*OB FONTEM PROSPERITAS* – **nistgħan għax b'nixxiegħa ilma**. Il-motto , arrangament tagħna minn fuq dak tal-baruni, ikompli jfisser l-etimoloġija tal-isem. Ir-raħal ma jonqsu xejn , għandu is-sliem u l-prosperita' minħabba l-ilmijiet li bihom hu imdawwar.

Il-paroċċa ta' Għajnsielem hi msemija għall-Madonna ta' Loretu. Il-paroċċa twaqqfet minn territorju tax-Xewkija u tan-Nadur, fl-1 ta' April 1855. L-ewwel kappillan ta' Għajnsielem kien Dun Anton Cauchi mir-Rabat ( 1855 – 1884 ). Saret Arċipretali fit-3 ta' Settembru 1965. L-ewwel ġebla tal-knisja Parrokkjali preżenti ( il-knisja il-ġdida ) tqegħdet fl-14 ta' Settembru 1924.Kienet imbierka nhar is-27 ta' Awwissu 1978 .

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd
Viva l-Madonna ta' Loretu !

